## IN MEMORIAM

Filwaqt li konna qegħdin inħejju l-istampa ta' dan il-għadd speċjali ta' IL-MALTI waslitilna l-aħbar tal-mewt ta' ĠINO MUSCAT AZZOPARDI (1899-1982), wieħed mill-Presidenti Onorarji ta' l-Akkademja tal-Malti, li ġrat fid-dar tiegħu, f'Tas-Sliema, nhar is-7 ta' Marzu, 1982, fil-għomor ta' 82 sena.

Dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam letterarju u ġurnalistiku bil-Malti nġibu bil-qalb kollha dan it-tagħrif li għoġbu jibagħtilna s Sur Ġużè Cardona: "Ġino twieled il-Belt fid-19 ta' Ottubru, 1899. Iben dên ta' Ġużè (1853-1927), bħal missieru ntafa' kmieni għall-palk u fl-1918 il-missier fis-sunett "Lil Ġino Tiegħi" kien ġa għaraf ix-xejriet letterarji ta' l-iben:

"issa tfarfart u bdejt tixtarr il-ħlewwa
tal-Isien għażiż li, mindu kont tarbija,
irdajt ma' ħalib ommok..."

u ma setax ma jitgħaxxaqx meta rah mikbus

"... bla ħjiel ta' dnewwa
minn dak in-nar li kibes qabel fija."

"Għal Ġino letteratura u politika kienu f'demmu. Direttur 'pro tempore' u wara regolari ta' 'Labour Opinion' (1924-26), 'Il-Kotra' (1926-27) u 'Dr Xek-kek' (1925-34), li mħabba fih ġie ċensurat. Dun Karm kitiblu biex jirranġalu kollox hu ma' l-Isqof — mossa li għolliet l-istima lejn Dun Karm f'qalb Ġino. Sikwit kien jurini din l-ittra u wegħedhieli.

"Kittieb ta' diversi novelli tajbin ħafna u atti uniċi, u ta' ftit drammi bi tliet atti, ipprova jagħti lill-palk xejra moderna. Iżda r-rumanz 'Anġli tan-Niket' (1938), li kien ressaq għall-Konkors ta' l-1935, għamlu aktar magħruf u popolari. Fih pinġa l-karattru ta' martu Anna u nies li kien jaf mill-qrib, bħas-Seqer u Anġlu.

"Sirt naf lilu u lil ħuh Ivo 30 sena ilu meta Ħal Qormi xtaqna nfakkru lil missieru fiċ-ċentinarju minn twelidu, u kont ktibt ir-radjodramm 'Frażir', meħud mir-rumanz 'Susanna', u xi artikoli dwaru fil-gazzetti. Bil-għajnuna finanzjarja tiegħu u l-enerġija propagandistika ta' Ivo dehru mill-ġdid xi xogħlijiet ta' missierhom, fosthom 'Is-Sunetti' (1956), wara li fl-1946 waqqaf il-medalja tad-deheb 'Ġużè Muscat Azzopardi' u aktar tard il-Premju tal-Matrikola tal-Malti bl-isem ta' martu Anna, b'turija tal għożża li kellu lejha. Hekk ukoll xtaq isieħeb isimha fil-ktieb ta' l-idjomi Maltin 'Kif Ngħiduha' (1975).

"Ma' xogħlijietu ma ninsewx diversi traduzzjonijiet, e.g. 'Maigret u d-Dukessa' (1968) u 'Marguerite Gautier' (1977), ħafna poeżijiet satiriċi li kien iħobb jiffirma b'psewdonimi bħal 'Giomu C. Sant', u artikoli politiċi. Bħala ħidmiet kulturali nsibuh Chairman tal-Kumitat tat-Teatru Manoel, tal-Panel tad-Drama tar-Rediffusion u karigi onorarji f'diversi kumitati".

L-Akkademja, filwaqt li tissieħeb mal-qraba u l-ħbieb fil-ħasra tat-telfa tiegħu — fost dawn mal għażiża martu Anna — tħossha fid-dmir li tibqa' tiftakar fih bħala wieħed mill-eqdem membri u ħbieb tagħha.

Telfa ta' ħasra u niket kienet ukoll dik ta' Patri ĠUŻEPPI DELIA, S.J. (1900-1980), li ġrat nhar l 4 ta' Ottubru, 1980 f'Dar Loyola, in-Naxxar, fil-għomor ta' 80 sena.



Delia, li kien ilu jikteb bil-Malti mill-1922, kien ukoll membru qadim ta' l-Akkademja u ġie li serva fil-Kumitat tagħha. Il-ħidma siewja tiegħu fil-qasam pastorali u letterarju tinsab imfakkra f'volum sabiħ "Ġużè Delia Ġiżwita", mimli tifkiriet u kitbiet dwaru miġburin minn Ġorġ Mifsud u J.M. Ghigo, S.J. u maħruġin fl-1981 mill-pubblikatur Bugelli, li bosta minnhom inkitbu minn membri sħabu ta' l-Akkademja.

Patri Delia għandu jibqa' magħruf mhux biss bħala poeta tal-leġġendi u ta' versi oħra imma wkoll bħala awtur ta' kotba tal-meditazzjoni. Din ir-rabta bejn il-poeżija u r reliġjon kien fissirha tajjeb ħafna f'ittra li bagħat lill-Professur Ġużè Aquilina fil-11 ta' Lulju, 1979 u li dehret f'"Il-Ħajja" tat-12 ta' Ottubru, 1981. Inġibu hawnhekk silta mill-ittra biex il-membri u l-qarrejja kollha jistgħu jifhmu aħjar lil dan il-poeta Ġiżwita: "... bejn il-poeżija u l-mistika hemm tassew rabta sħiħa, bħalma kien hemm f'Santa Tereża minn Avila, San Ġwann tas-Salib, San Franġisk t'Assisi u ħafna u ħafna oħrajn li kienu mistiċi u poeti kbar. Difatti l-mistiku, bħall-poeta, jogħla 'l fuq mid-dinja ta' madwaru u jara dak li oħrajn fid dawl naturali ma jarawx għax dak li jaraw fid-dawl tal-fidi; jaraw lil Kristu f'għajrhom, fil-fqir u fil-marid, jaraw lil Alla fil-ġmiel u fil-kobor tal-ħolqien. Ma jiqfux fil-qoxra materjali ta' barra tal-ħolqien, iżda jidħlu iktar fil-fond u jaraw u jħossu u jgħixu f'dinja oħra ġdida, iktar reali u iktar sabiħa".

Minbarra l-mewt ta' dawn it-tnejn, l-Akkademja ġarrbet ukoll it-telfa ta' Membru Akkademiku ieħor — GEORGE STEVENS — li ġrat nhar it-23 ta' Frar, 1979, fil-għomor ta' 51 sena.

Imwieled f'Bormla fl-20 ta' Novembru, 1927, wara xi snin ta' esperjenza ġurnalistika bħala sotto-editur ta' "Il-Berqa", fl-1955 laħaq Uffiċjal ta' l-Informazzjoni fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, fejn għal bosta snin sakemm miet wettaq servizzi ta' traduzzjonijiet u xogħol ieħor fil-pubblikazzjonijiet li joħorġu mill-istess Dipartiment. Kien Ko-Fundatur tal-"Għaqda Letterarja Maltija" (1951) u kitbiet tiegħu xxandru fl-Antoloġiji maħruġa mill-istess Għaqda, i.e. "Bukkett Imżewwaq" (1955), "Ħannieqa Ġawhra" (1965), "Nogħlew 'il fuq" (1968), "20 Rebbiegħa" (1971) u "Qamar il-Ħsad" (1976) kif ukoll fl-"Antoloġija ta' Proża Maltija" tal-Prof. Ġ. Aquilina (Vol. II, 1979). Fl-1965 kien maħtur Membru Akkademiku ta' l-Akkademja tal-Malti. Qabel miet, laħaq ġabar l-"essays" tiegħu f'żewġ kotba. "Waqtiet" (1969) u "Vjaġġi bil-Pinna" (1978).

L-Akkademja tħeġġeġ lill-qarrejja ta' "Il-Malti" biex fit-talb tagħhom jiftakru fih għall-mistrieħ ta' ruħu.

L-EDITUR